# Tifsir il-Kliem fil-Kotba Mqaddsa bil-Malti

## Ktieb Ġożwe'

(*Ta'* P. P. Saydon)

WARA li ħriġt l-ewwel ħames kotba ta' l-Iskrittura maqlubin bil-Malti żidt magħhom ktejjeb ta' sbatax-il faċċata li fih ġbart u fissirt xi kliem li x'uħud mill-qarrejja ma kenux jifhmuh (*Tifsir il-Kliem*... The Empire Press, 1931). Erbatax-il sena wara, meta l-għadd tal-kotba maqlubin minni żdied u laħaq sa ħdax, fi studju twil f'*Leħen il-Malti* (Għadd 170-172, faċċ. 37-44) fissirt bir-reqqa kif qiegħed nimxi fit-traduzzjoni tiegħi. Urejt kemm hu kbir it-tfixkil li miegħu jiltaqa' t-traduttur Malti, urejt ukoll kemm hu kbir it-taħbit biex jintrebaħ dak it-tfixkil skond ma titlob ir-reqqa tax-xogħol u s-sengħa tal-kitba tal Malti. Inżid ingħid li dak l-istudju miktub ukoll biex, min jista', jagħtini xi dawl biex nimxi aħjar. Nistqarr li dawl ieħor ma ġie minn imkien, imma minn fuq kien hemm min ried jitfa' d-dlam jew it-tfixkil. Kien hemm min ried ineħħi x-xogħol minn idejja u jerħih f'idejn Kumitat ta' nies li qatt ma kitbu bil-Malti, għaliex, qal dan il-flien, ix-xogħol hu tqil iż-żejjed għal wieħed waħdu. Ma jafx il-flien li x-xogħol, li hu tassew tqil bħalma qal hu, flaħt nerfgħu waħdi u nwasslu sa tarf it-triq. U għalhekk niżżih ħajr tat-tifħir li għamilli bla ma ried. Qal ukoll li t-traduzzjoni għandha tkun magħmula bi kliem ħafif li jiftiehem minn kulħadd, li jmiss il-qalb, li jqanqal u jogħġob. Dan nafu jien ukoll. Imma l-flien, jekk kien qiegħed jikteb bil-ħsieb li jgħinni, kien imissu jgħid kemm-il vers hemm fi ħdax-il ktieb li ma jinftiehmux minn kulħadd, li ma jmissux il-qalb, li ma jqanqlux u ma jogħġbux. Kien imissu għallinqas, biex joħroġ ta' raġel, igħid kemm-il kelma, kemm-il sentenza, kemm-il vers hemm li ma jiftiehemx fil-biċċa li jien tajt maqluba minn Ġobb fl-aħħar ta' l-artiklu. Il-kritka, biex tasal fejn għandha tasal, għandha tkun serja, għandha tqis ix-xogħol kollu kemm hu mhux titħabat biex issib ix-xagħra fl-għaġina, jew biex tgħolli l-wieħed u tniżżel l-ieħor. Wieħed jista' jara l-ittri li nkitbu fit-*Times of Malta* fil-25 ta' Lulju u fit-3 u t-8 ta' Awissu, 1945.

Dik il-ħatba li aktar minn wieħed moħbijin taħt isem wie-

ħed tefgħu biex ifixklu l-mixi tat-traduzzjoni bil-Malti tal-Kotba Mqaddsa tkissret u tfarrket u ntaħnet taħt ir-roti qawwija tal-fehma safja u tar-rieda sħiħa tat-traduttur. Ix-xogħol baqa' miexi u l-ħeffa żdiedet, it-tixrid tal-kotba xtered aktar, ħafna minnhom inbiegħu kollha u, jekk Alla jrid, jerġgħu joħorġu malli jasal il-waqt. Għall-kotra l-kbira tal-qarrejja li jgħożżu dawn il-kotba, li jixtruhom biex jaqrawhom, u jaqrawhom biex jitgħallmu sa nibda nagħti xi tagħrif żgħir ta' xi kliem Malti li, għalkemm hu tagħna kollu kemm hu, mhux kulħadd jaf sewwa x'ifisser. Neħodhom ktieb, ktieb, u nibda minn Ktieb Ġożwe, li hu s-sitt wieħed u l-ewwel wara l-ħamsa li għandhom Ktieb it-Tifsir għalihom.

*Bgħida*, kelma ħafifa jafha kulħadd. Imma dil-forma femmenili ġejja minn *bgħid* bħal *ġdida* minn *ġdid* u *sħiħa* minn *sħiħ* ma tantx timxi fil-kitba. Flokha aktarx ingħidu *bgħid* kontra l-grammatka, jew *bogħod* li hi nom xi drabi użat bħala avverbju, jew *fil-bgħid* u *fil-bogħod* bħala espressjonijiet avverbjali. Hekk ingħidu: *il-belt hi bgħid* jew *bogħod minn hawn siegħa mixi*; *id-dar hi fil-bgħid* jew *fil-bogħod ħafna*. Niktbu aħjar: *il-belt hi bgħida siegħa mixi*; *id-dar hi bgħida*. F'Ġożwe naqraw: *Minn art bgħida aħna ġejjin*, 9, 6. 9.

*Boqqiegħa*. Kelma mogħtija minn Vassalli, Falzon u Caruana. Tfisser: "medda art wiesgħa u watja li fiha joqgħod l-ilma", biċċa art li l-bdiewa jgħidulha "maqgħad". Naħseb li t-tifsira "li fiha joqgħod l-ilma" tajnihielha aħna jew tawhielha d-Dizzjunarji, u li t-tifsira ewlenija kienet "art watja u wiesgħa". F'dan is-sens tinsab fi 11, 8. 17; 12, 7.

*Hoxba*. Tinsab f'Vassalli, Falzon u Caruana li kollha jagħtuha tifsira waħda: "travu, arblu". Fis-sens ta' travu mwaqqaf bħala forka tinqara fi 8, 29; 10, 26. 27.

*Mirguna*. Partiċipju tal-verb "rigen", li jinsab f'Vassalli, Falzon u Caruana, b'tifsir li ma jaqbelx. Vassalli u Falzon jagħtu t-tifsir "ġieb għal idejh, taħt is-setgħa tiegħu, ħakem", u Caruana jfisser "ma qagħadx għas-setgħa ta' ħaddieħor". Il-kelma smajtha użata aktar minn darba fis-sens ta' Vassalli u f'dan is-sens użajtha fi 18, 1.

*Moħrara*. Aġġettiv imsensel ta' *ħarr*, *ħrara* li jfissru "ħruq, ħerqa, saħna". "Art moħrara" hi art maħruqa, niexfa, li ma tagħmelx; Vassalli, Falzon u Caruana. Ara 15, 19.

*Għaqba*. Kelma għadha ħajja u tfisser "daqsxejn ta' għol-

ja, ħodba''. Jagħtuha Vassalli, Falzon u Caruana. Ara 11, 2. 13.

*Rsajjel*. Plural ta' *rsul* li aħna aktar nafuha bl-għamla ta' *rażul* ''mibgħut, appostlu''. Mogħtija minn Vassalli u Falzon biss. Caruana ma jġibhiex; aktarx li qatt ma semagħha. Imma jien il-kelma smajtha bħala plural ta' *rsala* jew ta' *rsul*. *Rsala* tfisser ''aħbar li wieħed iwassal lil ħaddieħor'', bl-Ingliż ''message'', jew ''ittra li biha wieħed jibgħat xi aħbar jew tagħrif''. *Rsajjel* bħala plural tat-tnejn jista' jfisser ''messages'' u ''messengers''. Ġie li smajtha f'dan is-sens: ''Wasuli ħafna rsajjel fuqek''. Bħala plural ta' *rsul* il-kelma tinsab fi 6. 17; 7, 22.

*Tarad*. Mogħtija minn Vassalli, Falzon u Caruana, imma Vassalli u Falzon jiktbuha ħażin *tarat*. Tfisser ''għamel għal wara xi ħadd''. Ara 23. 10.

*Teraħ*. Mogħtija minn Vassalli, Falzon u Caruana, imma ħadd minnhom ma jagħti t-tifsira ewlenija li hi: ''tefa', xeħet, waddab'' li tidher fil-kelma ''terħa'' li tfisser ''il-qamħ jew xgħir li wieħed *jitfa'* fuq il-qiegħa għad-dris''. Ma' dit-tifsira hi marbuta l-kelma ''mitraħ'' li hi l-post fejn wieħed jinteraħ jew jinxteħet. ''Teraħ'' tfisser ukoll, bħalma jgħid Vassalli, ''ġieb fid-dinja qabel il-waqt'', u billi min jitwieled qabel il-waqt aktarx ikun xi ftit dgħajjef, bla saħħa, ''mitruħ'' ġiet tfisser ''wieħed bla ħila''. Fil-10, 27 il-verb ''teraħ'' użat fis-sens ''tefa', xeħet'', u fi 18. 3 il-partiċipju ''mitruħin'' ifisser ''bla ħila''.

*Waqqaf*. Fi 10, 34 dal-verb użat mingħajr oġġett fis-sens ta' l-Ingliż ''to encamp'', jiġifieri ''waqqaf il-kamp'', bħal fi 11, 5.